## OMM ĦELWA TAL-BNEDMIN

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Li kellna l-ġwienaħ ħfief bħall-anġli mbierka
biex niġu ħdejk, Marija,
konna ninsġulek l-isbaħ ward tal-ġonna
kull għodu u kull fl-għaxija,
u ħdejk ninġabru bħal ulied ferħana
bit-talb u bit-tifħir u l-qima tagħna!

Inti l-omm ħelwa tal-bnedmin, li bħaina
twelidt u għext dil-ħajja;
Int ġibt fin-nisel tagħna 'l-Iben t'Alla —
Misteru fost il-ġrajja —.
Int waħdek Omm u Xebba, o Marija,
imżejna b'dawl is-Sema u bis-sbuħija.

Għax Dak li għażlek b'Ommu għamlek kbira
minn qabel ma twelidt;
Hu ħarsek minn kull ħtija: u Int il-bjuda
fuq il-bnedmin xerridt
minn ruħek safja, sbejħa, u b'qalb ħanina
fit-triq tas-safa lilna wkoll tmexxina.

Ibqa' ħarisna mill-egħdewwa tagħna,
mill-frugħa, mill-ħtijiet;
għallimna nixbhu lilek, nagħarfu s-Sewwa
mill-qerq u d-dlamijiet
li jduru dejjem magħna u jibqgħu ħdejna
juruna l-ħolm sabiħ quddiem għajnejna.

Nixtiequ li nħobbuk kif Int jixraqlek,
Omm ħelwa tal-bnedmin!
Ibdlilna dawn il-qlub ħa nħobbu lilek
bi qlub oħrajn safjin.
Iġbidna lejk biex aħna ma nħallukx:
x'jiswa li ntuk il-ward jekk ma nħobbukx!

1. XI. 1948.



## ĠESU' U L-MADLIENA

*Ta'* Erin Serracino Inglott

Jum wieħed Ġesù kien mistieden
qed jiekol għand Xmun Fariżew;
u daħlet Marija l-Madliena
biex tara ssibx Lilu hemm ġew.

Lemħitu, bdiet tibki u fuq rasu
sawbitlu ftit fwieħa minn kus;
riġlejh mesħithomlu b'xagħarha
u fihom bdiet tmelles u tbus.

U Xmun beda jgemgem: Li kieku
tassew kien profeta Ġesù,
ma kienx iħalliha tmiss miegħu
midinba bħal dik!... U Ġesù:

Ximun, din midinba, u int safi.
Liema qima 'l-mistieden urejt?
La maħsel għal riġlu ma tajtu,
la fwieħa fuq rasu u la żejt!

Ħaddejn il-mistieden kif daħal
ġo darek int anqas ma bist;
Li għandek kien ġie Bin il-Bniedem
iżurek int anqas ma qist!

Dil-mara kif ratni bdiet tibki,
ħaslitli riġlejja bid-dmugħ,
mesħithom bi dlielha, u dehnitni
b'żejt żahri mill-iżjed ifuħ!

Ismagħni, Ximun, u ifhimni.
Ingħid: Tabilħaqq, tabilħaqq,
min jagħti minn faqru lil sieħbu
wisq iżjed mill-għani jkun stħaqq!

Lil din illi nidmet u ħabbet
u qassmet faqarha miġbur,
ngħidilha: Jinħafru dnubietek,
ja mara tal-qalb, qum u mur!